



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 27.8.2007
KUMM(2007) 482 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Kooperazzjoni
bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja
dwar il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-kummerċ tal-manjoka**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fl-1982, il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja ffirmaw ftehim bilaterali dwar il-manjoka li jipprevedi kwota ta' importazzjoni ta' 21 miljun tonnallata biċċiet tal-manjoka tul perjodu ta' erba' snin, b'ċerta flessibilità, ibbażata fuq il-kooperazzjoni amministrattiva, għall-kwantitajiet annwali.

L-importazzjonijiet fil-Komunità Ewropea tal-manjoka li ġejja mit-Tajlandja skond il-kwota annwali huma attwalment suġġetti għall-ħruġ ta' ċertifikati għall-esportazzjoni u liċenzji għall-importazzjoni. Ir-reġim ta' l-importazzjoni tal-manjoka permezz ta' ċertifikati għall-esportazzjoni u liċenzji għall-importazzjoni ġie stabbilit mill-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni ta' l-1982 konkluż bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja, li jkopri l-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-kummerċ tal-manjoka. Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni jiġġedded awtomatikament full erba' snin.

Fl-10 ta' April 2006, il-Kummissjoni rċeviet mandat mill-Kunsill biex tiftaħ in-negozjati mar-Renju tat-Tajlandja bil-għan li jiġi emendat il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja. L-għan hu li jiġi emendat l-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni u titbiddel il-ġestjoni tar-reġim għall-importazzjonijiet tal-manjoka li ġejja mit-Tajlandja fil-Komunità, b'sistema mmexxija mid-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali li skond din min jasal l-ewwel, jinqeda l-ewwel. Is-sistema l-ġdida sejra tissimplifika bil-kbir il-ġestjoni u tnaqqas l-ispejjeż tar-reġim ta' l-importazzjoni.

Dawn in-negozjati ġew konklużi b'suċċess u l-emendi meħtieġa għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni għandhom jiġu adottati mill-Kunsill.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Kooperazzjoni
bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja
dwar il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-kummerċ tal-manjoka**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133(3), flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni¹,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' April 2006, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati bil-għan li tkun garantita il-kompatibilità bejn il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja dwar il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-kummerċ tal-manjoka, minn hawn 'il quddiem "Ftehim ta' Kooperazzjoni", u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju².
- (2) Dawn in-negozjati għandhom l-għan li jemendaw l-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni sabiex jallinjaw fuq id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 308a sa 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 (ġestjoni tal-kwoti tariffarji maħsuba biex jintużaw fl-ordni kronoloġiku tad-dati tad-dikjarazzjonijiet doganali) u ta' l-Artikoli 55 sa 65 ta' l-imsemmi Regolament (dispożizzjonijiet speċifiċi relatati maċ-ċertifikati ta' l-orijini għal ċerti prodotti agrikoli suġġetti għall-arranġamenti speċjali ta' l-importazzjoni).
- (3) Il-Kummissjoni mexxiet in-negozjati fl-ambitu tal-mandat ta' negozjar maħruġ mill-Kunsill.
- (4) Il-Kummissjoni laqgħet Ftehim f'forma ta' Minuti Miftiehma mar-Renju tat-Tajlandja, li għandha interess bħala fornitur tal-prodotti tal-kodiċi NM 0714 10 10, 0714 10 91 u 0714 10 99.
- (5) Dak il-Ftehim għandu jkun approvat.

¹ ĠU C ..., ..., p.

² ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Protokoll li jemenda il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja dwar l-emendar ta' l-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja dwar il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-kummerċ tal-manjoka huwa approvat f'isem il-Komunità.
2. It-test tal-Protokoll huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina il-persuna li għandha s-setgħa li tiffirma l-Ftehim imsemmi fl-Artikolu 1 sabiex jorbot lil-Komunità.

Artikolu 3

Sakemm hu neċessarju għall-finijiet ta' l-applikazzjoni sħiħa ta' dan il-Ftehim mill-1 ta' Jannar 2008, il-Kummissjoni għandha tadotta r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-ftehim skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 4(2) ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-ċereali stabbilit mill-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
Il-perjodu msemmi mill-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, ...

*Għall-Kunsill
Il-President*

PROTOKOLL

li jemenda l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn ir-Renju tat-Tajlandja u l-Komunità Ekonomika Ewropea dwar il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-kummerċ tal-manjoka

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

minn naħa waħda,

IL-GVERN TAR-RENU TAT-TAJLANDJA

min-naħa l-oħra,

MEXXEW, fuq talba tal-Komunità Ewropea, negozjati bil-għan li jiġi emendat l-Artikolu 5 tal-Ftehim tal-Kooperazzjoni dwar il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-kummerċ tal-manjoka, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim ta' Kooperazzjoni, sabiex ikun allinjat mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 55 sa 65 u 308a sa 308c tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93,

AFFERMAW ir-rieda tagħhom li jżommu fis-seħħ il-Ftehim ta' Kooperazzjoni,

IDDEĊIDEW li jemendaw il-Ftehim ta' Kooperazzjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Artikolu 5 b'dan il-Protokoll u għal dan il-għan ħatru bħala plenipotenzarji tagħhom:

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IL-GVERN TAR-RENU TAT-TAJLANDJA

LI, wara li skambjaw il-Pjeni Poteri tagħhom, instabu li kienu sewwa u fil-forma tajba,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-kwota tariffarja li tikkonċerna l-kwantità mifthiema ta' esportazzjonijiet titmexxa mill-Komunità skond l-ordni kronoloġiku tad-dati ta' aċċetazzjoni tad-dikjarazzjonijiet għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera (skond il-prinċipju 'min jasal l-ewwel, jinqeda l-ewwel').

Min-naħa tagħha, it-Tajlandja tintrabat li tadotta d-dispożizzjonijiet kollha neċessarji biex toħroġ iċ-ċertifikati ta' l-oriġini li għandhom jintużaw għall-importazzjonijiet tal-manjoka fil-Komunità.

Jekk ikun il-każ, l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Partijiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni neċessarja għall-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tal-Ftehim u biex din tkun iffaċilitata."

Artikolu 2

Dan il-Protokoll għandu jiffirma parti integranti mill-Ftehim ta' Kooperazzjoni.

Artikolu 3

Dan il-Protokoll għandu jkun approvat mill-Komunità Ewropea u mir-Renju tat-Tajlandja b'mod konformi mal-proċeduri tagħhom.

Artikolu 4

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.

Artikolu 5

Dan il-Protokoll qiegħed isir f'żewġ kopji f'kull waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Partijiet Kontraenti, b'kull wieħed minn dawn it-testi ikun ugwalment awtentiku.

Magħmul fi Brussell, fi

Għall-Komunità Ewropea

Għar-Renju tat-Tajlandja